MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2004

Numru 60/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**
**(Spettur Kevin Farrugia)**

**vs**

**Paul Micallef**
**Carmel Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-l-imputazzjonijiet kontra l-imputat Paul Micallef iben Anthony u Yvonne nee Mangion imwieldED Pieta u bin-numru ta' l-identita' 78073(M).

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer gewwa l-Isptar Monte fit-22 ta' Jannar 2004:

1. lil Carmel Camilleri wahdu talli minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mary Azzopardi ID: 51454 (G) hekk kif iccertifika Dr. D Galea Reg No 2750 MD liema persuna hija nurse fl-imsemmi sptar waqt il-qadi ta' dmira u dan bi ksur tal-Artikoli 214. 216 (1a [(II) & III ] u 1d ) w 222 (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. lil Carmel Camilleri wahdu talli gewwa l-Isptar Monte Carmeli ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna tan-nurse Mary Azzopardi ID: 51454 (G) persuna inkarigata minn servizz pubbliku waqt li kienet qed taghmel jew minhabba li kienet qed taghmel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghha jew li jinfluwixxi fuqha kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz bi ksur tal-Artikolu 95 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. lil Carmel Camilleri wahdu talli minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Joseph Incorvajja ID: 493953 (M) hekk kif iccertifika Dr D Galea Reg No 2750 MD liema persuna hija nurse fl-imsemmi sptar waqt il-qadi ta' dmira w dan bi ksur tal-Artikoli 221 (1) w 222(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Lil Carmel Camilleri wahdu talli fl-istess lok, hin w cirkostanzi ghamel hsara fuq propjeta tal-Gvern ta' Malta liema hsara ma teccedix Lm10 (ghaxar liri maltin) ai terminu tal-Artikolu 325 1(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. lil Paul Micallef wahdu talli b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda fit-22 ta' Jannar 2004 fix-xhur ta' qabel gewwa l-Isptar Monte Carmeli ingurja, hedded b'delitt jew ghamel offiza fuq il-persuna tan-nurse Joseph Incorvajja ID: 493953(M) persuna inkarigata minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezza jew li jinfluwixxi fuq kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz bi ksur tal-Artikoli 18,

249 (2) u 95 (1) rispettivament tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. lil Paul Micallef wahdu akkuzat b'komplicita fid-delitti kollha imputabbli lil Carmel Camilleri fil-konfront tal-vittma Joseph Incorvajja u dan ai terminu tal-Artikolu 42 sub incizi (b & e) ta' l-istess Kap 9.

7. lil Paul Micallef w Carmel Camilleri flimkien talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi kisru il-bon ordni u l-paci pubbliku b'ghajjat, glied jew b'mod iehor bi ksur tal-Artikolu 339 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex minbarra l-piena f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Joseph Incorvajja, Mary Azzopardi u l-familji taghhom jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu nnifisu taht penali ta' somma flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament.

Rat it-talba ghas-separazzjoni tal-gudizju fil-konfront ta' Carmel Camilleri.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti diversement preseduta fil-konfront tal-istess Carmel Camilleri.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi r-rapport psikjatriku huwa konferma illi l-imputat Paul Micallef huwa mentalment instabbli u dan l-istat jidher li kien jippersisti fid-data meta saru l-allegati reati.

Illi l-Artikolu 33 tal-Kap 9 jezenta mir-risponsabbilita' kriminali lil min ikun fi stat ta' genn.

Ghalhekk tiddiciedi, li hemm l-estremi biex jigi applikat dan l-artikolu u konsegwentement qed tiddikjara lil imputat ezenti minn kull responsabbilita' kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------